



Dokument ta' sessjoni

B9-0069/2024

15.1.2024

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni umanitarja f'Gaza, il-ħtieġa li jintlaħaq ftehim ta' waqfien mill-ġlied u r-riskji ta' eskalazzjoni reġjonali (2024/2508(RSP))

Manu Pineda, Konstantinos Arvanitis, Idoia Villanueva Ruiz, Niyazi Kizilyürek, Younous Omarjee, Petros Kokkalis, Giorgos Georgiou, Marc Botenga, João Pimenta Lopes, Dimitrios Papadimoulis, Marisa Matias, José Gusmão, Mick Wallace, Clare Daly, Miguel Urbán Crespo, Özlem Demirel, Helmut Scholz, Martina Michels, Cornelia Ernst
f'isem il-Grupp The Left

B9-0069/2024

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni umanitarja f'Gaza, il-ħtieġa li jintlaħaq ftehim ta' waqfien mill-ġlied u r-riskji ta' eskalazzjoni reġjonali (2024/2508(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar Iżrael u l-Palestina, b'mod partikolari dik tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar il-prospettivi għas-soluzzjoni msejsa fuq il-koeżistenza ta' żewġ Stati għal Iżrael u l-Palestina¹,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar is-sitwazzjoni fil-Palestina/Iżrael, b'mod partikolari dik tat-12 ta' Novembru 2023 dwar il-pawżi umanitarji f'Gaza,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 u l-protokolli addizzjonali tagħhom,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 181 (II) tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tad-29 ta' Novembru 1947 dwar il-qsim tal-Palestina,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 194 (III) tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-11 ta' Diċembru 1948 dwar il-prinċipji biex tintlaħaq soluzzjoni finali u r-ritorn tar-rifuġjati tal-Palestina lejn djarhom,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 302 (IV) tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-8 ta' Diċembru 1949 dwar l-assistenza lir-rifuġjati tal-Palestina,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet sussegwenti tan-NU dwar is-sitwazzjoni fil-Palestina/Iżrael,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar Gaza, bit-titolu "Il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u r-rispett tal-obbligi legali u umanitarji",
- wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali tal-1998,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-territorji Palestinjani okkupati mill-1967,
- wara li kkunsidra l-Ftehimiet ta' Oslo bejn l-Istat ta' Iżrael u l-Organizzazzjoni għal-

¹ ĠU C 177, 17.5.2023, p. 73.

Liberazzjoni tal-Palestina tal-1993 u l-1995,

- wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju tas-sena 2000 li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti l-oħra², u b' mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tad-9 ta' Ottubru 2023 li tappella biex jintemm “iċ-ċiklu vizzjuż ta' tixrid ta' demm, mibegħda u polarizzazzjoni”, u d-dikjarazzjonijiet ulterjuri tiegħu rigward is-sitwazzjoni katastrofika għaċ-ċivili f'Gaza,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi s-7 ta' Ottubru 2023 kien l-aktar jum fatali fl-istorja ta' Iżrael, meta gruppi armati Palestinjani, inklużi l-Hamas u l-Ġiħad Iżlamika, wettqu attakk bla preċedent, faqgħu il-barricata bejn Gaza u Iżrael u wettqu attakk fuq miri militari u ċivili Iżraeljani; billi Iżrael wiegħeb b' mod militari; billi fi tmiem dan l-attakk, 1 200 persuna f' Iżrael, il-biċċa l-kbira minnhom ċivili, inqatlu u aktar minn 200 persuna ttieħdu bħala ostaġġi, li minnhom, 132 għadhom qed jinżammu ostaġġi, aktar minn tliet xhur wara;
- B. billi l-armata Iżraeljana ilha mit-8 ta' Ottubru 2023 twettaq gwerra permezz ta' bombardamenti mill-ajru u operazzjonijiet mill-baħar u mill-art fuq l-Istrixxa ta' Gaza, waħda miż-żoni l-aktar popolati fid-dinja, u qatlet aktar minn 23 000 Palestinjan, li 70 % minnhom huma nisa u tfal; billi madwar 60 000 persuna sfaw midruba, filwaqt li aktar minn 8 000 persuna huma rappurtati nieqsa; billi madwar 85 % tat-2.2 miljun persuna li jiffurmaw il-popolazzjoni ta' Gaza ġew spostati u m'għandhomx aċċess għal servizzi bażiċi, is-saħħa, ilma, ikel u elettriku; billi skont l-organizzazzjoni mhux governattiva Save the Children, inqatlu mill-inqas 10 000 tifel u tifla, jiġifieri wieħed fil-mija tal-popolazzjoni totali tat-tfal tal-Istrixxa ta' Gaza; billi nqatlu 79 ġurnalist u ħaddiem tal-media u mill-inqas 146 ħaddiem umanitarju;
- C. billi sa mill-bidu tal-gwerra, l-imblokk illegali tal-art, tal-ajru u tal-baħar li Iżrael impona fuq l-Istrixxa ta' Gaza mill-2007, b'konsegwenzi devastanti għall-popolazzjoni, ġie ssikkat ħafna biex iżomm l-elettriku, l-ikel u l-fjuwil milli jidħlu fit-territorju; billi l-Istrixxa ta' Gaza kienet diġà f' sitwazzjoni ta' kriżi umanitarja qabel il-gwerra minħabba l-imblokk ta' 17 sena min-naħa tal-Iżrael: madwar 80 % tal-popolazzjoni jiddependu fuq l-għajjnuna umanitarja, 44 % tal-unitajiet domestiċi jsofru minn nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u 16 % oħra jinsabu f'riskju ta' nuqqas ta' sigurtà tal-ikel; billi l-attakki indiskriminati bil-bombi min-naħa ta' Iżrael, flimkien mal-imblokk tal-għajjnun, a ikkawżaw katastrofi umanitarja bla preċedent f'Gaza, li qed twassal biex eluf ta' nisa, irġiel u tfal imutu minħabba l-ġuħ, il-mard u n-nuqqas ta' mediċina u għajjnuna; billi, kif iddenunzjat mis-Segretarju Ġenerali tan-NU, “erbgħa minn kull ħames persuni li qed ibatu l-ġuħ fid-dinja jinsabu f'Gaza”; billi sħarriġ tal-UNICEF tas-26 ta' Diċembru 2023 sab li mhux qed jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet nutrizzjonali bażiċi ta' għadd dejjem akbar ta' tfal f'Gaza; billi madwar 90 % tat-tfal ta' taħt is-sentejn f'Gaza qed jikkunsmaw ikel minn żewġ gruppi tal-ikel jew inqas; billi n-nutrizzjoni tan-nisa tqal u tan-nisa li qed iredgħu wkoll ġiet kompromessa b' mod sever: 25 % jikkunsmaw tip

² ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.

wieħed biss ta' ikel, u kważi 65 % jikkunsmaw biss żewġ tipi;

- D. billi l-attakki mill-ajru Iżraeljani attakkaw b'mod indiskriminat l-infrastruttura ċivili u qerdu skejjel, sptarijiet, moskej, knejjes u djar u binjiet privati; billi eluf ta' familji ġew spostati diversi drabi, filwaqt li mill-inqas nofs miljun Palestinjan sfaw bla dar; billi skont in-NU, mit-30 ta' Diċembru 2023, kważi 70 % tal-unitajiet residenzjali ta' Gaza saritilhom ħsara jew inqerdu, 352 skola saritilhom ħsara u l-bqija tal-faċilitajiet edukattivi qed jipprovdu kenn lill-persuni spostati; billi nofs l-isptarijiet ta' Gaza mhumiex fi stat li jaħdmu, filwaqt li l-infrastruttura ċivili, il-fabbriki u n-negozji sofrew ħsara sinifikanti;
- E. billi mis-7 ta' Ottubru 2023 fix-Xatt tal-Punent u f'Ġerusalemm tal-Lvant, inqatlu 332 Palestinjan, inklużi 84 tifel u tifla, u ndarbu 4 157, inkluż 630 tifel u tifla; billi fl-2023 inqatlu 507 Palestinjani fix-Xatt tal-Punent, inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant, u dan huwa l-ogħla għadd ta' Palestinjani maqtula fix-Xatt tal-Punent minn mindu l-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA) beda jirreġistra l-vittmi fl-2005; billi mill-inqas 1 257 persuna, inklużi 582 tifel u tifla, ġew spostati fost il-vjolenza tal-insedjanti u r-restrizzjonijiet fuq l-aċċess; billi skont l-OCHA, 915-il Palestinjan ieħor ġew spostati wara t-twaqqiġ ta' djarhom jew il-qerda tagħhom matul l-operazzjonijiet mill-forzi Iżraeljani;
- F. billi l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-NU għar-Rifuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA) iddenunzjat il-fatt li Iżrael qed jimmira fuq il-kwartieri ġenerali, l-uffiċċji u l-infrastruttura tagħha; billi mill-inqas 146 membru tal-persunal tal-UNRWA nqatlu fl-attakki bil-bombi Iżraeljani, l-ogħla għadd ta' mwiet li qatt kien hemm għal kwalunkwe aġenzija tan-NU waqt gwerra; billi l-aktar rapporti reċenti mill-UNRWA jindikaw li 132 installazzjoni saritilhom ħsara, inklużi 63 li ntlaw b'mod dirett (direct hit) mill-armata Iżraeljana, filwaqt li 52 skola ġarrbu ħsara u 53 intlaqtu b'mod dirett; billi aktar minn 1.7 miljun persuna issa qed jingħataw kenn f'faċilitajiet li jappartjenu għall-UNRWA;
- G. billi skont l-OCHA, il-kapaċità tas-sħab umanitarji li jirrispondu għal ħtiġijiet estensivi f'Gaza qed tiġi limitata minn ċaħdiet ta' aċċess rikorrenti għall-konsenji ta' għajjnuna u n-nuqqas ta' aċċess sikur ikkoordinat mill-awtoritajiet Iżraeljani; billi r-rata ta' ċaħdiet ta' aċċess mill-Iżrael matul l-aħħar xahar tirrifletti "deterjorament sinifikanti" meta mqabbla ma' Diċembru 2023; billi bejn l-1 u l-10 ta' Jannar 2024, tlieta biss minn 21 konsenja ppjanata ta' ikel, mediċini, ilma u oġġetti oħra li jsalvaw il-ħajja irnexxielhom jaslu fit-Tramuntana ta' Wadi Gaza;
- H. billi organizzazzjonijiet mhux governattivi differenti ddenunzjaw il-fatt li Iżrael qed juża l-fosforu abjad fl-attakki tiegħu, li huwa pprojbit mill-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi; billi skont rapport tal-intelligence tal-Istati Uniti kkwotat mis-CNN, 40-45 % tad-29 000 munizzjon mill-ajru għall-art li twaddbu fuq Gaza kienu l-hekk imsejħa bombi zġħar impreċiżi, munizzjon mhux iggwidat li jista' jkun ta' theddida akbar għaċ-ċivili, b'mod partikolari f'territorji b'densità għolja ta' popolazzjoni bħal Gaza;
- I. billi l-ġlied u t-tensjonijiet fuq il-fruntiera Libaniża qed jikbru, peress li l-Hezbollah spara rokits lejn Iżrael u Iżrael wettaq attakki mill-ajru fuq it-territorju Libaniż; billi l-forzi Iżraeljani wettqu attakki bil-missili fuq ajruporti fis-Sirja, b'mod li l-ajruporti ta'

Damasku u ta' Aleppo mhumieħ fi stat operattiv; billi attakk extraterritorjali bid-droni minn Iżrael fuq in-Nofsinhar ta' Bejrut fil-Libanu qatel diversi mexxejja tal-Ħamas, fosthom Saleh al-Arouri, il-viċi mexxej tal-fergħa politika tal-grupp u fundatur tal-fergħa militari, il-Brigati ta' Qassam; billi r-ribelli Houthi fil-Jemen attakkaw bastimenti kummerċjali fil-Baħar l-Aħmar li kienu fi triqthom lejn Iżrael u wettqu attakki kontra l-koalizzjoni mmexxija mill-Istati Uniti li baġtet unitajiet navali militari fiż-żona biex jipproteġu lil Iżrael; billi l-Istati Uniti, ir-Renju Unit u l-alleati tagħhom wettqu diversi attakki bil-missili fuq il-Jemen kontra l-Houthi, bir-riskju li l-kunflitt jeskala;

- J. billi s-sitwazzjoni attwali tikkostitwixxi theddida kbira ħafna għas-sigurtà fir-reġjun kollu kemm hu; billi dan għandu wkoll implikazzjonijiet għall-koeżistenza paċifika f'pajjiżi oħra, inklużi l-Istati Membri tal-UE;
- K. billi s-Segretarju Ġenerali tan-NU ddikjara li ż-żieda fil-vjolenza ma ġietx mix-xejn, iżda kibret minn kunflitt li ilu għaddej, b'okkupazzjoni militari li ilha għaddejja għexieren ta' snin u mingħajr ebda sinjal ta' tmiem politiku; billi l-2023 kienet ikkaratterizzata minn tensjonijiet u vjolenza dejjem jiżdiedu fil-kuntest tal-okkupazzjoni militari kontinwa tal-Palestina; billi qabel l-attakk attwali, l-2023 għall-Palestinjani diġà kienet is-sena li fiha nqatlu l-akbar għadd ta' nies minn meta n-NU bdiet tiġbor id-data; billi hemm aktar minn 8 000 prigionier politiku Palestinjan fil-ħabsijiet Iżraeljani, inklużi mijiet ta' nisa u tfal;
- L. billi Iżrael ilu mill-1967 jokkupa x-Xatt tal-Punent, Gaża u Ġerusalem tal-Lvant, kif ukoll l-Għoljiet tal-Golan; billi Iżrael bena u għadu qed ikompli jespandi l-insedjamenti fiż-żoni okkupati, u dan jikkostitwixxi delitt tal-gwerra; billi Iżrael, bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tan-NU, iddikjara lil Ġerusalem il-kapitali eterna u indiviża tiegħu, att appoġġjat prinċipalment mill-Istati Uniti; billi l-awtoritajiet Iżraeljani jirrifjutaw li jissodisfaw l-obbligi tagħhom bħala forza okkupanti f'konformità mal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra u qed ikomplu jċaħħdu lill-popolazzjoni Palestinjana mill-ħtiġijiet bażiċi, bħall-provvisti mediċi jew il-kenn; billi l-Istat ta' Iżrael impona sistema b'settijiet differenti ta' drittijiet u obbligi fuq il-persuni li jgħixu f'territorju wieħed, abbażi tal-orìġini nazzjonali jew etnika tagħhom; billi din is-sistema ġiet deskritta ripetutament bħala apartheid minn organizzazzjonijiet Palestinjani, Iżraeljani u internazzjonali;
- M. billi l-Kunsill Ewropew naqas milli jöhroġ dikjarazzjoni konġunta fis-summit tiegħu ta' Brussell fil-15 ta' Diċembru 2023; billi l-UE jeħtieġ li tiżvolġi rwol fl-indirizzar tal-kunflitt li għaddej bħalissa; billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u Iżrael huma bbażati fuq il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tas-sena 2000, li jiddikjara, fl-Artikolu 2 tiegħu, li l-ftehim huwa bbażat fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi;
- N. billi Iżrael ilu assoċjat mal-qafas ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE mill-1996, u jipparteċipa fi programmi ewlenin bħal Orizzont Ewropa; billi l-UE tat kuntratti b'valur ta' EUR 59 miljun lill-kumpaniji tat-teknoloġija militari Iżraeljani; billi huwa stmat li l-valur tal-bejgħ tal-armi mill-UE lil Iżrael huwa ta' madwar EUR 200 miljun fis-sena; billi għajjnuna l-UE u l-Istati Membri tan-NATO wegħdu għajjnuna militari addizzjonali lil Iżrael fil-kuntest tas-sitwazzjoni attwali;
- O. billi l-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni vvjaġġaw lejn Iżrael biex jesprimu solidarjetà mal-poplu Iżraeljan, mingħajr ma rċevew mandat minn seduta

straordinarja tal-Parlament jew mill-Kunsill u għaldaqstant qabżu r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom; billi huma ma esprimewx kelma ta' kompassjoni waħda għaċ-ċivili Palestinjani maqtula u appoġġaw u ġġustifikaw politikament l-attakki Iżraeljani fuq l-Istrixxa ta' Gaża;

- P. billi Membri individwali tal-Parlament Ewropew ġew ipprojbti milli jidħlu fit-territorju Iżraeljan u Palestinjan mill-awtoritajiet Iżraeljani, inkluż matul żjarat uffiċjali tal-Parlament Ewropew; billi l-Parlament Ewropew ilu aktar minn għaxar snin pprojbit mill-awtoritajiet Iżraeljani milli jżur l-Istrixxa ta' Gaża;
1. Jappella għal waqfien mill-ġlied immedjat, permanenti u mingħajr kundizzjonijiet;
 2. Jitlob il-ħelsien tal-ostaġġi Iżraeljani kollha u tad-detenuati amministrattivi u l-priġunieri politiċi Palestinjani kollha;
 3. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-bumbardamenti indiskriminati ta' Gaża, il-massakru ta' ċivili Palestinjani, l-aktar nisa u tfal, u l-immirar intenzjonat ta' ħaddiema, ġurnalisti, tobba u artisti tan-NU mill-armata Iżraeljana okkupanti; jiddenunzja s-sitwazzjoni umanitarja terribbli f'Gaża, li hija r-riżultat ta' tliet xhur ta' delitti tal-gwerra u ksur kontinwu u intenzjonat tad-dritt umanitarju internazzjonali minn Iżrael u jikkundanna l-politika ta' kastig kollettiv ta' Iżrael kontra l-poplu ta' Gaża, li tmur kontra d-dritt umanitarju internazzjonali u li trid titwaqqaf; jikkundanna t-theddid tal-awtoritajiet Iżraeljani kontra l-poplu ta' Gaża; jenfasizza li t-tkeċċija furzata ta' popolazzjoni hija delitt tal-gwerra; jisħaq li kwalunkwe għajjuna umanitarja f'Gaża għandha tiġi ppjanata b'tali mod li tipprevjeni tkeċċija furzata bħal din; jesprimi tħassib dwar l-implikazzjonijiet reġjonali tal-ħarba tal-Palestinjani mill-Istrixxa ta' Gaża; jiddeplora l-attakki illegali ripetuti tal-militar Iżraeljan fuq faċilitajiet mediċi, persunal u trasport, li qed ikomplu jeqirdu s-sistema tal-kura tas-saħħa tal-Istrixxa ta' Gaża, u jitlob li dawn l-attakki jiġu investigati bħala delitti tal-gwerra;
 4. Jenfasizza li kull min iwettaq delitti tal-gwerra, li jmorru kontra d-dritt umanitarju internazzjonali, f'Iżrael jew fil-Palestina, jeħtieġu jinżamm responsabbli quddiem qorti tal-ġustizzja; itenni l-kundanna qawwija tiegħu għall-qtil intenzjonat ta' persuni ċivili mill-Hamas;
 5. Jisħaq li l-kriżi umanitarja li għaddejja bħalissa fl-Istrixxa ta' Gaża mhijiex sempliċement effett sekondarju tal-gwerra, iżda r-riżultat dirett tad-delitti tal-gwerra mwettqa deliberatament u sistematikament, li jistgħu jammontaw għal atti ġenoċidali kontra l-Palestinjani f'Gaża, kif intiżi mill-Gvern Iżraeljan tal-lemin estrem; jikkundanna l-fatt li, bħala metodu ta' gwerra f'Gaża, il-Gvern Iżraeljan qed jissoġġetta liċ-ċivili għall-ġuħ, li huwa wkoll delitt tal-gwerra; iħeġġeġ lill-forzi Iżraeljani jieqfu jimblukkaw deliberatament id-dħul ta' kollox ħlief ftit ilma, ikel u fjuwil, filwaqt li jimpedixxu intenzjonalment l-għajjuna umanitarja milli tidħol u tilħaq il-partijiet kollha ta' Gaża, filwaqt li mid-dehra qed jitfgħu l-iskart f'żoni agrikoli u jċaħħdu lill-popolazzjoni ċivili minn provvisti indispensabbli għas-sopravivenza tagħhom; jisħaq li l-awtoritajiet Iżraeljani, bħala s-setgħa okkupanti fuq Gaża skont il-liġi internazzjonali, għandhom id-dmir li jiżguraw li l-ħtiġijiet bażiċi tal-popolazzjoni jiġu ssodisfati; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iżraeljani jiggarantixxu aċċess għall-għajjuna umanitarja, l-ikel, l-ilma u l-fjuwil, u għall-ħaddiema tas-saħħa u l-ħaddiema umanitarji f'Gaża

mingħajr restrizzjonijiet, filwaqt li jiggarantixxu s-sikurezza u s-sigurtà tagħhom; jissottolinja li l-imblokk u l-bumbardament ta' Gaża u attakki oħra mill-forzi Iżraeljani fuq il-popolazzjonijiet ċivili huma forma ta' kastig kollettiv u jirrapreżentaw attakki indiskriminati u sproporzjonati li jistgħu jammontaw għal delitti tal-gwerra;

6. Jenfasizza l-kompliċità tal-Gvern tal-Istati Uniti u ta' xi pajjiżi Ewropej mal-Gvern Iżraeljan u l-attakk kontra l-popolazzjoni ċivili ta' Gaża u s-soġġettar ta' din il-popolazzjoni għall-ġuħ, u jitlobhom jitolbu waqfien mill-ġlied immedjat;
7. Jilqa' d-dimostrazzjonijiet ta' eluf ta' persuni madwar id-dinja kontra l-gwerra, li qed jappellaw għal waqfien mill-ġlied immedjat f'Gaża u għat-tmiem tal-okkupazzjoni, tas-sistema ta' apartheid u tat-tindif etniku tal-poplu Palestinjan; jiddenunzja d-deċiżjonijiet ta' xi gvernijiet, inkluż fl-UE, li jillimitaw id-dritt ta' dimostrazzjoni u li jikkriminalizzaw is-solidarjetà mal-poplu Palestinjan;
8. Jappoġġja l-inizjattiva tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel li tressaq lil Iżrael quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (QIĠ) għall-allegati atti ġenoċidali li qed twettaq f'Gaża; jistieden lill-Istati Membri u lill-Unjoni Ewropea jappoġġjaw l-investigazzjoni mill-Qorti Kriminali Internazzjonali dwar id-delitti tal-gwerra mwettqa mill-partijiet kollha f'Iżrael u fil-Palestina; jissottolinja li l-ordni mill-QIĠ ta' miżuri proviżorji u l-implimentazzjoni tagħhom minn Iżrael kieku joffru protezzjoni immedjata lill-popolazzjonijiet ċivili u jsalvaw ħajjiet innoċenti;
9. Jenfasizza l-ħtieġa li tinkiseb paċi dejjiema u ġusta fir-reġjun f'konformità mad-dritt internazzjonali u mad-drittijiet tal-bniedem u abbażi tar-riżoluzzjonijiet tan-NU; ihegġegħ lill-komunità internazzjonali, lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-pajjiżi fir-reġjun jieħdu azzjoni immedjata biex jipprevjenu eskalazzjoni ulterjuri u jappella biex jitwettqu negozjati taħt l-awspiċi tan-NU; jisħaq li r-riżoluzzjoni internazzjonali tal-kunflitti jeħtieġ li sseħħ, mhux permezz ta' ritaljazzjoni, iżda permezz tal-infurzar tad-dritt internazzjonali biex jiġu żgurati t-tmiem tal-okkupazzjoni fil-Palestina u s-sikurezza u l-paċi għaż-żewġ popli;
10. Jappella lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-pajjiżi fir-reġjun jiżguraw li l-poplu ta' Gaża jirċievi l-għajjnuna umanitarja li jeħtieġ u jitlob li jinħolqu kurituri umanitarji sabiex jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għall-kura tas-saħħa, għall-kenn u għas-sikurezza; jikkundanna d-deċiżjoni mill-Gvern Iżraeljan li jkompli jirrestrinġi l-imblokk u jċaħħad lill-poplu ta' Gaża minn provvisti vitali, inklużi l-ilma, l-ikel u l-elettriku, u jitlob li din id-deċiżjoni titreġġa' lura;
11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jattivaw id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja³ sabiex jipprovdu aċċess immedjat għall-protezzjoni għar-rifuġjati kollha mill-Palestina, filwaqt li jiżguraw id-dritt tagħhom li jirritornaw;
12. Jenfasizza r-rwol importanti li l-għajjnuna tal-UE għandha fil-Lvant Nofsani u fil-Palestina, b'mod partikolari f'oqsma ewlenin bħall-aċċess għall-ilma nadif u għall-

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

enerġija; jenfasizza l-ħtieġa li tizzied l-ghajjnuna umanitarja, b'mod partikolari fil-qasam tal-kura tas-saħħa, biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni umanitarja li tinsab għaddejja fl-Istrixxa ta' Gaża; jiddenunzja l-fatt, madankollu, li ż-żieda fl-ghajjnuna hija inutli jekk il-Gvern ta' Iżrael ma jkunx imġiegħel itemm il-bumbardamenti indiskriminati u jippermetti d-dħul tal-ghajjnuna umanitarja u l-ftuħ tal-punti ta' qsim;

13. Jisħaq li l-atturi umanitarji u l-ġurnalisti jridu jiġu protetti u jikkundanna bil-qawwa l-qtil ta' ġurnalisti u ħaddiema umanitarji u tas-saħħa minn Iżrael, u li Iżrael qed jimmira infrastrutturi ċivili, fosthom skejjel u sptarjiet ġestiti minn organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali; jafferma mill-ġdid il-kontribut essenzjali tal-UNRWA għall-għajxien tar-rifuġjati Palestinjani f'kuntest diffiċli ta' ħtiġijiet umanitarji u ta' żvilupp dejjem jizziedu; jitlob, b'rikonoxximent tal-istatus tagħha bħala l-akbar aġenzija tan-NU li topera f'Gaża, li jingħata appoġġ għall-appell ta' emerġenza min-naħa tal-UNRWA biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet umanitarji urġenti fl-Istrixxa ta' Gaża u li jiġu rilaxxati malajr il-fondi pendenti kollha lill-UNRWA; iħeġġeġ lill-UE u lill-komunità internazzjonali jkomplu jappoġġjaw lill-UNRWA, kemm politikament kif ukoll finanzjarjament, filwaqt li jwieġbu għall-appell tagħha biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet umanitarji urġenti u enormi;
14. Ifakkar lill-awtoritajiet Iżraeljani dwar l-obbligi tagħhom bħala forza okkupanti fl-ambitu tal-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra, inklużi dawk fil-konfront tal-popolazzjoni ċivili Palestinjana, li ma ġewx issodisfati;
15. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iżraeljani jtemmu l-imblokk illegali tal-Istrixxa ta' Gaża; jistieden lill-awtoritajiet Iżraeljani jippermettu lill-ħaddiema umanitarji, lill-ġurnalisti u lil partijiet ikkonċernati internazzjonali oħra jaċċessaw l-Istrixxa ta' Gaża; jistieden lin-NU tiskjera persunal fl-Istrixxa ta' Gaża ladarba s-sitwazzjoni tkun tippermetti u timmonitorja u tirrapporta dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem hemmhekk; jiddispjaċih li xi pajjiżi għażlu li jwaqqfu l-ghajjnuna tagħhom lil Gaża fi żmien meta hija meħtieġa aktar għajjnuna; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-ghajjnuna tagħhom lill-poplu Palestinjan;
16. Jinsab ferm imħasseb dwar id-deterjorament drammatiku tas-sitwazzjoni għall-popolazzjoni Palestinjana fix-Xatt tal-Punent u f'Ġerusalem tal-Lvant; jikkundanna lill-Gvern Iżraeljan talli għadda eluf ta' armi tan-nar lil abitanti radikali ta' insedjamenti u jakkuża lill-gvern għall-qtil u l-ispostament tal-Palestinjani li issa qed jitwettqu minn abitanti fanatiċi ta' insedjamenti;
17. Jappella lill-UE twaqqaf minnufih it-trasferimenti kollha ta' armi u teknoloġija militari lejn Iżrael u l-partijiet l-oħra kollha fil-kunflitt, f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK⁴;
18. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar ir-riskju ta' eskalazzjoni tal-kunflitt; jisħaq kif l-involviment unilaterali matul is-snin ta' atturi internazzjonali u reġjonali ewlenin ikkontribwixxa għad-destabbilizzazzjoni tar-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Afrika ta' Fuq, b'mod partikolari bi gwerer illegali u l-instigazzjoni ta' kunflitti settarji, kif ġara fl-Iraq, fil-Libja, fis-Sirja u fil-Jemen; jikkundanna l-azzjonijiet militari kollha kontra

⁴ Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99).

pajjiżi terzi li jirriskjaw li jeskalaw il-kunflitt partikolari, inklużi dawk imwettqa mill-Istati Uniti u mir-Renju Unit kontra l-Jemen; ihegġegħ lill-Istati Uniti u lill-alleati tagħhom jirtiraw il-forzi militari tagħhom miż-żona, peress li qed jikkontribwixxu għal eskalazzjoni u destabilizzazzjoni ulterjuri fir-reġjun;

19. Jikkundanna d-dikjarazzjonijiet u l-atti kollha li jżidu r-riskju ta' eskalazzjoni reġjonali tal-kunflitt, inkluż it-theddid mill-Gvern Iżraeljan li jwettaq gwerra kontra l-Libanu; jappella lill-Istati Membri u lill-Unjoni Ewropea jikkundannaw id-dikjarazzjonijiet u l-atti kollha li jipperikolaw l-istabbiltà tar-reġjun u jipprevjenu l-eskalazzjoni tal-kunflitt bil-mezzi kollha;
20. Jenfasizza l-ħtieġa li tinkiseb paċi dejjiema u ġusta fir-reġjun, f'konformità mad-dritt internazzjonali, li jiġi rikonoxxut id-dritt għar-ritorn għar-rifuġjati Palestinjani kollha u li jiġu rispettati għalkollox id-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja li dan jista' jseħħ biss billi tintemm l-okkupazzjoni u jitnieda mill-ġdid il-proċess ta' paċi taħt il-protezzjoni tal-komunità internazzjonali, u jfakkar fl-appoġġ li l-UE ilha tagħti żmien twil għal soluzzjoni negozjata ta' żewġ stati abbażi tal-fruntieri tal-1967 b'żewġ stati sovrani u demokratiċi li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u f'sigurtà garantita u b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali; jistieden, għalhekk, lill-UE u lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-Istat tal-Palestina bil-fruntieri tal-1967 u l-kapitali tiegħu f'Ġerusalem tal-Lvant, u jirrispettaw id-dritt tar-ritorn għar-rifuġjati Palestinjani, kif definit fir-riżoluzzjonijiet tan-NU; jitlob li Iżrael jirtira mit-territorji okkupati kollha, inkluż mill-insedjamenti illegali kollha;
21. Jišhaq li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u Iżrael huwa, skont l-Artikolu 2 tiegħu, ibbażat fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u li d-drittijiet tal-bniedem ikunu prinċipju gwida; jitlob is-sospensjoni immedjata tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni sa ma jieqfu l-attakki fuq l-Istrixxa ta' Gaża u li jkun hemm garanziji ċari li se jintemm il-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem tal-popolazzjoni Palestinjana;
22. Jemmen li l-UE jeħtiġilha tiddenunzja s-sistema ta' apartheid kontra l-Palestinjani; ihegġegħ lill-Istati Membri kollha jwaqqfu l-kummerċ tal-armi tagħhom ma' Iżrael u jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jtemmu l-provvista tat-teknoloġija u tal-armi lil Iżrael, li tippermettilu jżomm is-sistema tiegħu ta' apartheid, jistabbilixxu projbizzjoni fuq il-prodotti tal-insedjamenti Iżraeljani u jużaw il-mezzi politiċi u diplomatiċi kollha biex jagħmlu pressjoni fuq Iżrael biex itemm l-apartheid tiegħu kontra l-Palestinjani;
23. Jesprimi solidarjetà mal-poplu u l-forzi politiċi kollha fuq iż-żewġ naħat li jitolbu d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-ugwaljanza u l-paċi, kif ukoll ma' dawk kollha li jiddefenduhom globalment; jesprimi solidarjetà mal-forzi politiċi u soċjali f'Iżrael li jitolbu waqfien mill-ġlied u t-tmim tal-okkupazzjoni;
24. Jesprimi tħassib kbir dwar rapporti minn Iżrael ta' fastidju, arresti vjolenti, is-sospensjoni ta' studenti minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, is-sospensjoni ta' membri tal-Knesset u s-sospensjoni u t-tkeċċija ta' impjegati u ħaddiema, kemm Għarab kif ukoll Lhud, bħala tentattiv biex jissikkta partijiet kritiċi tas-soċjetà; jikkundanna n-natura apertament razzista u suprema tad-dikjarazzjonijiet maħruġa minn membri differenti tal-Gvern u tal-awtoritajiet Iżraeljani u l-appoġġ tagħhom għad-deportazzjoni furzata tal-Palestinjani, l-espansjoni illegali tal-insedjamenti u d-delitti kontra ċ-ċivili

mwettqa minn abitanti ta' insedjamenti fix-Xatt tal-Punent u d-delitti tal-gwerra f'Gaża; jikkundanna d-deċiżjoni tal-Gvern Iżraeljan li jintensifika x-xiri u d-distribuzzjoni tal-armi liċ-ċivili u lill-abitanti tal-insedjamenti, filwaqt li jrawwem klima ta' mibegħda u diskriminazzjoni lejn il-minoranza Għarbija f'Iżrael u vjolenza kontra l-popolazzjoni Palestinjana fix-Xatt tal-Punent; jiddenunzja l-appelli minn uffiċjali Iżraeljani għall-użu ta' armi nukleari kontra l-Palestinjani f'Gaża; jistieden lill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika tiftaħ investigazzjoni, peress li dan huwa rikonoxximent indirett minn Iżrael li għandu fil-pussess tiegħu armi nukleari;

25. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda fid-diskorsi, fil-manifestazzjonijiet u fl-attakki antisemitiċi, Iżlamofobiċi u kontra l-Għarab kontra l-Lhud, il-Musulmani u l-poplu Għarbi fl-Ewropa; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipproteġu liċ-ċittadini u lill-istituzzjonijiet tagħhom minn kull forma ta' vjolenza u diskriminazzjoni razzisti, inklużi kemm l-antisemitiżmu kif ukoll l-Iżlamofobija; jikkundanna l-prosekuzzjoni u l-projbizzjoni ta' organizzazzjonijiet u simboli ta' solidarjetà mal-poplu Palestinjan; itenni li l-glorifikazzjoni tal-vjolenza u tad-delitti tal-gwerra u t-talbiet għall-qerda tal-Palestina jew ta' Iżrael huma assolutament inaċċettabbli;
26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-President tal-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-presidenti tal-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Knesset u lill-Gvern ta' Iżrael, lill-Awtorità Palestinjana, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tal-Unjoni għall-Mediterran u lil-Lega tal-Istati Għarab.